MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 17/2004

Kawza fil-lista: 46

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu f'Malta fl-erbgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) u miz-zwieg taghhom baqghu improle;

U peress li l-hajja mizzewga tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci

u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

U peress li l-attrici ottjeniet l-awtorizazzjoni ghas-separazzjoni b'digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li kopja tieghu hi hawn;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, jghid il-konvenut il-ghaliex:

1. M' ghandiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. M' ghandiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja ghaliha skond il-Ligi u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta hekk stabbilita, b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrulha xierqa;

3. M' ghandhomx jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijeit ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili (1984 ed) *in toto* jew *in parte*.

4. M' ghandiex tigi dikjarata xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi din l-Onorabbli Qorti tistabilixxi data u tordna li l-akkwisti li ikunu saru bix-xoghol u l-hila ta' l-attrici minn dik id-data 'l quddiem, jibqghu biss beneficcju taghha, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-evntwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-beni kollha parafernali taghha.

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici – kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi huwa ma jopponix ghas-separazzjoni personali izda dana ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici.

2. Illi, a rigward it-talba tal-manteniment, l-eccipjent jopponi t-talba ghall-manteniment ghall-attrici personalment u dana ghar-ragunijiet illi huwa se jispjega fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna, inter alia, li l-attrici tista' tahdem hekk kif del resto gja qeghda taghmel, kif ukkoll minhabba li l-attrici ghandha unikament igorr il-htija tal-firda matrimonjali.

3. Illi a rigward tat-tielet talba, l-eccipjent jopponi din it-talba bil-qawwa kollha tieghu stante li kienet l-istess attrici li kienet hatja tal-firda matrimonjali u ghalhekk id-disposizjjonijiet indikati f'tali talba ghandhom jigu applikati fuq l-attrici u mhux fil-konfront ta' l-eccipjent.

4. Illi l-eccipjent lanqas ma qieghed jopponi ghax-xoljiment u likwidazzjoni ta' l-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f'zewg porzjonijiet u dana sakemm l-attrici bhala hatja tal-firda matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ghandhom jigu applikati fil-konfornt taghha minn din il-Qorti d-disposizzjonjiet ta' l-Artikoli relattivi tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inter alia l-Artikolu 48 ta' l-istess Kapitolu.

5. Illi a rigward tal-hames talba attrici, l-eccipjent jecepixxi illi huwa m'ghandu l-ebda assi parafernali ta' l-attrici u per konsegwenza m'ghandux x'jirritorna lill-attrici.

6. Illi a rigward tas-sitt talba attrici, l-eccipjent jecepixxi illi ghandu jkun huwa li jabita fil-fond konjugali stante li kien hemm abbandun da parti ta' l-attrici fil-konfornt tieghu.

7. Illi l-eccipjent jecepixxi illi huwa m'ghandux ihallas l-ispejjez tal-proceduri odjerni u dana ghar-ragunijiet.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottoressa Christine Bellizzi;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, l-listi tax-xhieda, l-affidavits u n-noti ta' sottomissjonijiet prezenati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, stante li hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, ghar- ragunijiet imputabbli lill-konvenut, kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu, il-konvenut qed jattribwixxi t-tort lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jrrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 Dicembru 1993, u minn dan iz-zwieg ma' twieldux tfal. Minhabba l-inkwiet matrimonjali l-attrici telqet mid-dar konjugali f' Lulju 2002, izda kienet regghet irritornat f' Ottubru 2002. Regghet telqet mid-dar, u fl-4 Gunju 2003 telqet mid-dar defenittivament. Kull darba li l-attrici telqet mid-dar, hija marret toqghod ghand il-familjari taghha.

Illi, ghalkemm iz-zewg partijiet cahdu li huma kellhom relazzjoni extra-matrimonjali matul il-konvivenza; izda

[1] Vol.2 – fols.448 *et seq.*

ammettew li, wara s-separazzjoni de facto defenittiva, it-tnejn dahlu f' relazzjonijiet extra-matrimonjali.

*Verzjoni Attrici*

In sostanza l-verzjoni attrici, sostnuta minn missierha u minn huha, hi fis-sens li, sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb u tal-loghob. Wara z-zwieg, u mill-bidu nett taz-zwieg, dawn il-vizzji kienu fonti ta' nkwiet u mrar da parti ta' l-attrici li allura kellha tissubixxi l-komportament abbuziv u rresponsabbli ta' zewgha, konsegwenza ta' dawn il-vizzji.

Hija tispjega li meta l-konvenut ta' spiss ikun taht l-effett ta' l-alkohol huwa kien igib ruhu hazin maghha, billi jkun aggressiv, jeddidha u anke jerfa' idejh fuqha, u jumiljaha. Inoltre, rizultat tal-vizzju tal-loghob, il-konvenut, li kellu mpieg regolari u anke jinnegozja fuq bazi part-time, kien jilaghab il-paga kollha tieghu, bir-rizultat li l-attrici bil-paga taghha kienet tmantni lilha nnifisha u lill-konvenut, kif ukoll thallas l-ispejjez kollha.

Illi l-Konsulet Psikjatra Dottor Joseph Cassar, li kien raha lill-konvenut l-ewwel darba f' Dicembru 1998, u l-ahhar darba f' Jannar 1999, jikkonferma li l-konvenut kellu l-vizzju tal-loghob u tax-xorb, bil-konsegwenzi negattivi li dawn kellhom fuq is-sahha mentali tal-konvenut. Fix-xhieda tieghu dan ix-xhud jghid li l-konvenut "kien qalli li kien jilghab ta' l-azzard kwazi kuljum…. [u] …rigward ta' l-alkohol li kien jixrob meta jkun imdejjaq biex jinsa', pero' ma kienx qed jixrob kuljum."[2]

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut minn naha tieghu jichad li hu kien jerfa' idejh fuq martu, u jghid li "l-problemi veri"[3] fiz-zwieg bdew fis-sena 2001 meta omm l-attrici kienet mardet, u l-attrici lilu warrbitu "kompletament minn hajjitha" u "qisha ma tatx kaz il-hajja mizzewga taghha." Is-sitwazzjoni kompliet taggrava meta l-attrici kienet bdiet ticcettja fuq l-internet

[2] Vol.1 – fols.380
[3] Vol.1 – fol.399

ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ Taljana, u li skond il-konvenut, din kienet ir-raguni principali tal-firda.

*Konsiderazzjoni tal-Qorti*
Illi l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali in propozitu, u qed taddottahom; inkluzi dawk relattivi ghall-pretensjoni ta’ rikoncilajzzjoni.

Dwar ir-rikonciljazzjoni jigi osservat in tema legali li jinsab ritenut fil-gurisprudenza li “biex ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin, hemm bzonn li dawn ikunu jridu, u juru bil-fatti li jridu, jikkostruwixxu l-hajja konjugali u jirrikomponu dik il-komunanza ta’ affetti, sentimenti u nteressi li jikkostitwixxu l-essenza ta’ dik il-hajja; u ghalhekk m’ ghandhiex titqies bhala rikonciljazzjoni l**-fatt tas-semplici unjoni** tal-mizzewwgin, <u>meta jkun segwit minn dissidji u minn firda ohra</u>.[bhal fil-kaz in dizamina]. Iz-zmien li l-mizzewwgin ikunu qaghdu flimkien qabel ma regghu nfirdu m’ ghandux importanza deciziva; u **r-rikonciljazzjoni, bhala rinunzja ta’ drittijiet m’ ghandhiex tigi prezunta**. F’ kaz ta’ **dubju ghandha tigi skartata**, jew, fl-aghar ipotesi ghandhu jifthiem li kien hemm biss tentattiv ta’ rikonciljazzjoni. Xejn ma jiswa’ li l-mizzewwgin ikollhom **relazzjonijiet intimi** fiz-zmien li jkunu regghu marru flimkien, ghaliex jibqa’ dejjem li ma jkunx hemm dik l-intenzjoni serja li jergghu jistabilixxu l-konvivienza konjugali fil-paci u fil-konkordja, li huma l-essenza tar-rikoncilljazzjoni” *[PA[AM] Dolores Zammit vs Gio Maria Zammit [ deciza 17.02.1961, u vide kasitika citata].* Il-fatt tal-koabitazzjoni mhux bizzejjed, imma hemm bzonn li dan il-fatt jigi nterpretat, jigifieri jekk kienx semplici tentattiv jew rikonciljazzjoni effettiva. *[PA[WH] Salvatore Cascun vs Carmela Cascun deciza 4.04.1946]*.

Fil-kaz in dizamina, kif korrettament osservat u konkluz mill-perit legali, kien hemm biss tentattiv ta’ rikonciljazzjoni, partikolarment da parti ta’ l-attrici.

Illi dwar ir-responsabbilita’ ghas-separazzjoni, il-Qorti, bhal perit legali, hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti moghija mill-attrici, u tikkonkludi li l-hajja

konjugali ta' bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli minhabba l-komportament abbuziv tal-konvenut, ripetut u abitwali, li kien irrenda nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza, u li ghalhekk jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 ta' l-istess Kap.

Tosserva wkoll li dak li ghamlu l-partjiet wara s-separazzjoni de facto defenittiva, u cioe' ir-relazzjonijiet extra-matrimonjali li dahhlu fihom, huwa biss konsegwenza tal-fatt li z-zwieg bejniethom kien tkisser irrimedjabbilment, u mhux il-kawza ta' l-istess.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, unikament tort tal-konvenut, skond l-artikolu precitat.

**Manteniment**

Illi peress li l-attrici tahdem; u wkoll peress li wara s-separazzjoni de facto, hi wkoll dahlet f' qeda f' relazzjoni extra-matrimonjali, din il-pretensjoni attrici mhux ser tigi milqugha.

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali, fil-pagni numri 11 sas-16 tar-relazzjoni u li jinsabu inseriti a fols.459 sa 464 tal-process, li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A]

In konkluzjoni, jinghad li, il-proprjeta' immobbli inbieghet fil-mori tal-proceduri; u il-konvenut qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta' €9,139.30 [ekwivalenti ghal LM3,923.50] rapprezentanti s-sehem taghha minn investimenti bankarji.

Illi rigward il-vettura Hyundai Accent ABF-279 li baqghet fil-pussess tal-konvenut, il-Qorti tosserva li, ghalkemm kien gie nominat[4] espert tekniku biex jistma' din il-vettura, jidher li dan l-inkarigu baqa' ma giex ezegwit; filwaqt li

[4] Vol.1 – fol.154

baqghet il-kontestazzjoni dwar il-valur taghha, senjatament iz-zmien li ghalih ghandha tirreferi l-istima.

In propozitu l-Qorti tosserva li l-valur ta' l-oggett likwidat ghandu jkun dak taz-zmien l-eqreb ghall-likwidazzjoni, ghax huwa proprju f' dak iz-zmien li ser issir id-divizjoni ta' l-istess. Ghalhekk tordna li, sakemm il-partijiet ma jasslux ghall-valur konkordat tal-vettura fil-kondizzjoni taghha llum, din ghandha tigi stmata mill-espert Joseph Zammit, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet; u, filwaqt li l-vettura ghandha tigi assenjata fl-intier taghha lill-konvenut, dan ghandu jhallas lill-attrici nofs il-valur taghha.

Illi rigward is-somma ta' €17,470 [ekwivalenti ghal LM7,500] mizmuma ghand l-avukati tal-partijiet skond l-iskrittura tal-11 ta' Jannar 2007 iffirmata mill-partijiet, il-Qorti tordna li din ghandha tinqasam kif miftiehem bejn il-partijiet, tenut kont ta' dak dovut mill-konvenut lill-attrici permezz tal-gudizzju odjern.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tal-konvenut;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tilqa' t-tielet talba, u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16;

[4] tilqa' ir-raba talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';

[5] tichad il-hames talba, stante li ma tressqux provi fir-rigward;

[6] tichad is-sitt talba, stante li d-dar matrimonjali nbieghet fil-mori tal-kawza;

Spejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------